

Definizzjoni

minn Austro Control GmbH tar-rekwiżiti tat-tagħmir u tas-sistema li għandhom jiġu ssodisfati mis-sid ta' ostaklu tal-avjazzjoni għas-sistemi tad-dawl għad-detezzjoni tal-inġenji tal-ajru. Id-definizzjoni saret f'konformità mal-Artikolu 123a(1) tal-Att dwar l-Avjazzjoni (LFG), il-Gazzetta tal-Liġi Federali Nru 253/1957, emendat l-aħħar bl-Att Federali ppubblikat il-Gazzetta tal-Liġi Federali I Nru 40/2024.

A. Provvedimenti tal-LFG [I-Att dwar l-Avjazzjoni]

Austro Control GmbH għandha tikkontrola l-immarkar ta' billejl orjentat lejn id-domanda tal-ostakli tal-avjazzjoni kif meħtieġ fl-interessi tas-sikurezza tal-avjazzjoni.

Dan japplika għal ostakli tal-avjazzjoni stabbiliti fid-19 ta' April 2024 jew wara (id-dħul fis-seħħi tal-Artikolu 123a tal-LFG), sakemm il-kontroll orjentat lejn id-domanda tal-immarkar ta' billejl tal-ostaklu tal-avjazzjoni inkwistjoni ma jkunx ġie pprojbit fl-approvażzjoni tal-eżenzjoni skont l-Artikolu 91 tal-LFG.

Għall-ostakli tal-avjazzjoni mibni ja qabel id-19 ta' April 2024, il-kontroll għandu jsir biss jekk, fuq talba tas-sid tal-ostaklu tal-avjazzjoni, l-awtorità responsabbli għall-ostaklu tal-avjazzjoni tkun iddeterminat, permezz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 91 tal-LFG, li l-immarkar ta' billejl orjentat lejn id-domanda tal-ostaklu tal-avjazzjoni huwa permissibbli.

L-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-immarkar ta' billejl orjentat lejn id-domanda tal-ostakli tal-avjazzjoni trid tintbagħha lil Austro Control GmbH għall-finijiet tas-servizz ta' informazzjoni ajrunawtika.

Il-kontroll orjentat lejn id-domanda minn Austro Control GmbH isir billi d-data eżistenti tiġi pproċċata f'sinjal u tinqara fuq interfaċċa. Sinjal huwa parti mill-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-qlib imwettaq mis-sid tal-ostaklu, li fi tmiemu, l-immarkar ta' billejl orjentat lejn id-domanda tal-ostaklu tal-avjazzjoni jiġi diżattivat/attivat mis-sid tal-ostaklu.

B. Provvedimenti tekniċi

- Is-sistema ta' deteazzjoni u ta' qlib żviluppata minn Austro Control GmbH f'konformità mal-mandat statutorju tintegħha diversi sorsi u teknoloġiji separati tad-data biex tiżgura l-ogħla livell ta' sikurezza, effiċjenza u flessibbiltà. L-għan huwa li l-immarkar ta' billejl installat fuq l-ostaklu tal-avjazzjoni inkwistjoni jista' jiġi diżattivat biss fi tmiem il-katina ta' responsabbiltà jekk ikun hemm probabbiltà għolja li ma jkun hemm l-ebda kunflitt bejn l-ostaklu tal-avjazzjoni u l-inġenju tal-ajru, u għalhekk ma jkun hemm l-ebda periklu għas-sikurezza tal-avjazzjoni.

Għal dan il-għan, l-ostaklu tal-avjazzjoni jew jiġi rreġistrat individwalment fil-bażi tad-data tas-sistema ta' deteazzjoni u ta' bdil jew inkella assenjat lil grupp ta' ostakli ta' punt definit minn Austro Control GmbH, fejn il-grupp ta' ostakli li jirriżulta jiġi trattat bħala ostaklu wieħed tal-avjazzjoni waqt li jkun qed jiġi ġgħenerat is-sinjal. Austro Control GmbH tiddeskrivi l-ostaklu ġgħenerat b'dan il-mod bħala ciliindru poligonu b'distanza ta' sikurezza li tiddefinixxi. It-tarf ta' fuq taċ-ċiliindru poligonu jikkonsisti f'żona orizzontali fl-ġħoli ta' spazju ħieles tal-ostaklu.

- Is-sistema ta' deteazzjoni u ta' bdil tivverifika jekk is-sorsi tad-data eżistenti jipprovdux data u tuża d-data eżistenti biex tiddetermina jekk hemmx kunflitt bejn l-istruttura taċ-ċiliindru poligonali u l-inġenju tal-ajru. Jinħareġ sinjal jekk ma jkun hemm l-ebda inġenju tal-ajru li jmiss man-naħħa ta' barra taċ-ċiliindru poligonu jew mal-wiċċ ta' fuq tiegħi jew li jkun jinsab fi. Dan is-sinjal jiġi ġgħenerat kull erba' (4) sekondi, għandu validità ta' għaxar (10) sekondi u huwa pprovdut bħala rispons ta' JSON fuq l-interfaċċa ta' Austro-Control GmbH. Jekk is-sinjal ma jasalx

fl-ostaklu tal-avjazzjoni jew ma jkunx jista' jiġi dekodifikat, is-sid tal-ostaklu għandu jiġura li l-immarkar ta' billejl orjentat lejn id-domanda huwa jew jibqa' attivat.

L-interfaċċa hija ospitata fuq l-internet u tista' tiġi aċċessata biss minnha. L-isfera ta' responsabbiltà u l-influwenza ta' Austro Control GmbH tintemmin f'din l-interfaċċa mal-internet. Kull sid ta' ostaklu tal-avjazzjoni jirċievi data dwar l-aċċess għall-interfaċċa li fiha jkun disponibbli s-sinjal meta jintegra l-ostaklu(i) tal-avjazzjoni tiegħu fil-bażi tad-data tas-sistema BNK.

3. Is-sinjal ġġenerati u pprovduti minn Austro Control GmbH jistgħu jintużaw biss biex tiġi kkontrollata l-identifikazzjoni mill-ġdid tal-ostaklu tal-avjazzjoni fil-medda spettrali viżibbli għall-ġħajnej tal-bniedem. L-użu tas-sinjal għall-kontroll orjentat lejn id-domanda ta' komponenti tad-dawl permezz ta' sinjal tad-dawl infraħħmar, espressament ma huwiex parti mill-mandat statutorju ta' Austro Control GmbH, u għalhekk għandu jiġi evitat.

L-immarkar ta' billejl orjentat lejn id-domanda jirreferi biss għal dawk id-dwal ta' ostaklu u ta' periklu li jinsabu fil-medda spettrali viżibbli għall-ġħajnej tal-bniedem. Dan jirriżulta fir-rekwiżit għal żewġ ċirkwiti installati b'mod indipendenti, wieħed kull wieħed għall-illuminazzjoni fil-medda viżibbli u wieħed għall-illuminazzjoni fil-medda infraħħamra.

Id-data tad-dħul fis-seħħi tal-immarkar ta' billejl orjentat lejn id-domanda trid tiġi rrapportata lil Austro Control GmbH bil-posta b'erba' ġimġhat kalendarji minn qabel u bil-posta elettronika fuq bnk@austrocontrol.at bid-dokumenti ta' sostenn kollha meħtieġa f'messaġġ wieħed — dan irid jitfassal minn persuna awtorizzata li tagħmel dan u jrid jinkludi l-formola mimlija dwar l-ostakli ta' Austro Control GmbH ibbażata fuq ir-registro tal-kejl. Il-formola attwali dwar l-ostakli hija disponibbli fuq is-sit web ta' Austro Control fuq [Austro Control GmbH – id-data dwar l-ostakli skont l-Artikolu 85 tal-LFG](#).

Jekk ikun hemm suspectt li d-data dwar l-aċċess qed tintuża ħażin, Austro Control GmbH tista' tiddiżżattiva l-aċċess għall-interfaċċa għas-sid affettwat sakemm iċ-ċirkostanzi jkunu ġew iċċarati.

4. Is-sinjal jistgħu jiġi rkuprati mis-sid tal-ostaklu tal-avjazzjoni. Jekk ikun hemm sinjal li jindika li ma hemm l-ebda kunflitt disponibbli, l-immarkar ta' billejl jista' jiġi diż-żatt. Austro Control GmbH tipprovdi REST API permezz tal-internet. Mhuwiex meħtieġ VPN (network privat virtwali). Rispons ta' JSON jiġi rritornat meta l-interfaċċa tiġi mfittxija bil-parametri rispettivi bħall-ID tal-ostaklu li għandu jiġi kkonsultat.

C. Dmirijiet ta' rappurtar

5. Diversi koproprietarji ta' ostaklu tal-avjazzjoni għandhom jaħtru rappreżtant konġunt fl-Awstrija, li jeħtieġ lu jkun awtorizzat biss biex jissottometti l-applikazzjonijiet u jirċievi n-notifikasi. Is-sidien tal-ostakli li jirrisjedu jew li huma ddomiċiljati barra mit-territorju federali jeħtiġilhom jaħtru riċevitur awtorizzat fl-Awstrija.
6. F'każ ta' bidla fis-sjieda ta' ostaklu tal-avjazzjoni (inklużi biss partijiet mill-ostaklu jew koproprietarju), is-sidien il-qodma u l-ġoddha jeħtiġilhom jipprovdum minnufih l-isem, l-indirizz u l-koordinati tal-kuntatt tas-sid il-ġdid kif ukoll l-isem u l-indirizz tas-sid preċedenti.
7. Is-sid ta' ostaklu tal-avjazzjoni jeħtieġ lu jinnotifikasi lil Austro Control GmbH dwar kwalunkwe użu ħażin suspectat tad-data dwar l-aċċess tiegħu mingħajr dewmien permezz ta' bnk@austrocontrol.at.
8. Austro Control GmbH jeħtiġilha tiġi nnotifikata bit-tnejħiha – anke jekk parżjali biss – tal-ostaklu tal-avjazzjoni, filwaqt li tiddikjara d-data tat-tnejħiha, u NOTAM [Avviż lill-Avjaturi] irid jiġi rranġat bil-miktub ma' Austro Control GmbH fuq talba.

D. Speċifikazzjoni tal-interfaċċa

9. Kull sid ta' ostaklu jirċievi data dwar l-aċċess għall-interfaċċa li minnha jistgħu jingħabru s-sinjal meta jiġi integrati l-ostaklu(i) tal-avjazzjoni tiegħi fis-sistema BNK. Għiet stabilita awtentikazzjoni permezz tal-identifikatur tal-utent u l-password. Din id-data tal-login hija pprovduta minn Austro Control. Dan l-identifikatur tal-utent u l-password jistgħu jintużaw biex jiġi rkuprat token JWT, li bih jintbagħtu tal-bet lil REST API. Imbagħad jiġi rritornat rispons ta' JSON. F'din it-tweġiba jinħarġu sinjal għall-ostakli tal-avjazzjoni rispettivi. Dawn is-sinjal jiġu ġġenerati kull 4 sekondi u huma validi għal 10 sekondi.
10. Is-sinjal jistgħu jiġi rkuprati mis-sid tal-ostaklu permezz tas-server ipprovdu bl-użu tad-data dwar l-aċċess. Id-dawl tal-ostakli jista' jiġi dizzattivat meta jkun hemm sinjal validu li jindika li ma hemm l-ebda kunkfitt disponibbli. Fil-proċess, l-ACG jipprovdi REST API fuq l-internet, li tista' tiġi kkonsultata b-varjetà wiesgħa ta' lingwi ta' programmazzjoni u libreri. Mhuwiex meħtieġ VPN (network privat virtwali). Meta l-interfaċċa tiġi mfittxija bil-parametri rispettivi bħall-ID tal-ostaklu li għandu jiġi kkonsultat, jiġi rritornat rispons ta' JSON bil-kontenut li ġej.
11. Ir-rispons ta' JSON riċevut permezz tal-interfaċċa fih il-parametri li ġejjin:

12.1 Approvazzjoni (vera/falza):

Jekk l-approvazzjoni tal-parametru tiġi ssettjata għal vera, id-dawl tal-ostaklu jista' jintefha.

12.2 ref_time (data tal-ISO):

Ir-ref_time jindika l-ħin meta nħoloq il-messaġġ.

12.3 valid_until (data tal-ISO):

Il-ħin valid_until jindika l-perjodu ta' validità tal-messaġġ.

12.4 Checksum (sekwenza):

Iċ-checksum tista' tintuża biex jiġi čċekkji l-parametri. Dan ġie ppreparat kif ġej:

Iċ-checksum hija sha256 hash tas-sekwenza li tikkonsisti minn approvazzjoni+ref_time+valid_until.

Jekk ikun meħtieġ, se tiġi pprovduta dokumentazzjoni aktar dettaljata biex issir tfittxija tal-interfaċċa bħala speċifikazzjoni OpenAPI bbażata fuq il-web.

E. Dħul fis-seħħi

Din id-Definizzjoni għandha tidħol fis-seħħi mal-pubblikazzjoni tagħha fil-Bullettin tal-Avjazzjoni Awstrijak (ÖNfL – Österreichisches Nachrichtenblatt für Luftfahrer).

Id-definizzjoni ppubblikata taħt in-Nru 410 fil-ħarġa tal-ÖNfL tat-30 ta' Awwissu 2024 ma għandhiex tibqa' tapplika mad-dħul fis-seħħi ta' din id-Definizzjoni.